

Brussell, 9 ta' Ġunju 2022  
(OR. en)

9890/22

ECOFIN 581  
UEM 170  
SOC 363  
EMPL 243  
COMPET 466  
ENV 572  
EDUC 232  
RECH 358  
ENER 278  
JAI 829  
GENDER 105  
ANTIDISCRIM 84  
JEUN 115  
SAN 362

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	NOTA TA' SPJEGAZZJONI TAL-KUNSILL Dokument ta' akkompanjament tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill lill-Istati Membri fil-qafas tas-Semestru Ewropew 2022

---

Id-delegazzjonijiet isibu hawn mehmuża l-verżjoni ta' wara l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju tan-Nota ta' spjegazzjoni li takkompanja r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill lill-Istati Membri fil-qafas tas-Semestru Ewropew 2022.

## Nota ta' spjegazzjoni

- Dokument li jakkumpanja r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill  
lill-Istati Membri fil-qafas tas-semestru Ewropew 2022

L-Artikolu 2ab)(2) tar-Regolament 1466/97 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika, li jagħmel parti mit-taqsimha "Djalogu ekonomiku", jgħid li *"Il-Kunsill huwa mistenni li, bħala regola, jsegwi r-rakkomandazzjonijiet u l-proposti tal-Kummissjoni jew jispjega l-pożizzjoni tiegħu b'mod pubbliku"*.

Fir-rigward ta' din ir-regola "ikkonforma jew spjega", il-Kunsill b'dan jippreżenta l-ispjegazzjonijiet li ġejjin għall-bidliet maqbula għar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż (CSRs) dwar l-Istati Membri fil-kuntest tas-Semestru Ewropew 2022 li dwarhom il-Kummissjoni ma taqbilx.

Il-Kunsill (Ecofin) qabel ukoll ma' għadd ta' żidiet kif ukoll bidliet fattwali jew tekniċi għar-rakkomandazzjonijiet bl-appoġġ sħiħ tal-Kummissjoni.

### **Silta mill-ewwel Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż**

#### **Għall-Istati Membri kollha ħlief ir-Rumanija**

*Test tal-Kummissjoni:*

Tespandi l-investiment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u għas-sigurtà tal-enerġija, inkluż billi tagħmel użu mill-RRF, mill-RePowerEU u minn fondi oħra tal-UE.

*Test maqbul:*

Tespandi l-investiment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija billi tqis l-inizjattiva RePowerEU, inkluż billi tagħmel użu mill-RRF u fondi oħra tal-UE.

### Spjegazzjoni:

F'konformità mal-prattika ta' qabel, it-test ġie emendat biex jirrifletti li l-pjan REPowerEU, inkluż il-finanzjament tiegħu, għadu ma ġiex adottat mill-Kunsill. Ir-Rakkomandazzjonijiet ma għandhomx jippreġudikaw l-eżitu tal-proċeduri leġiżlattivi li għandhom jiġu deċiżi fuq bażi legali (leġiżlattiva) differenti, u billi jinvolvu wkoll lill-Parlament Ewropew. Fl-istess ħin, il-Kunsill (Ecofin) ifakkar li fid-dikjarazzjoni ta' Versailles, il-Mexxejja stiednu lill-Kummissjoni tipproponi tali pjan, biex tnaqqas b'mod rapidu d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili Russi u biex taċċellera t-tranżizzjoni tal-enerġija, biex tikseb sistema tal-enerġija aktar reżiljenti u Unjoni tal-Enerġija interkonnessa tajjeb. Fil-konklużjonijiet tal-laqgħa speċjali tiegħu fit-30 u l-31 ta' Mejju 2022, il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kunsill biex jeżamina malajr il-proposti tal-Kummissjoni biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' REPowerEU. Il-bidla miftehma ma tbiddilx b'mod konsiderevoli r-rakkomandazzjoni, u lanqas ir-rilevanza mogħtija mill-Kunsill lill-inizjattiva, iżda għandha biss l-intenzjoni li tenfasizza li l-Kunsill għadu qed jeżamina r-REPowerEU, inkluż it-testi legali differenti involuti.

### **Premessa 3**

#### **Għall-Istati Membri kollha**

##### *Test tal-Kummissjoni:*

L-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, wara l-pandemija globali, biddlet b'mod sinifikanti l-kuntest ġeopolitiku u ekonomiku. L-impatt tal-invażjoni fuq l-ekonomiji tal-Istati Membri nħass, pereżempju, permezz ta' prezzijiet oġħla tal-enerġija u tal-ikel u prospetti ta' tkabbir aktar dgħajfa. Il-prezzijiet oġħla tal-enerġija huma partikolarment ta' piż fuq l-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli li jgħixu fil-faqar enerġetiku jew li jinsabu f'riskju ta' faqar enerġetiku. L-UE qed tara wkoll influż bla preċedent ta' nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna. F'dan il-kuntest, fl-4 ta' Marzu 2022, id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja ġiet attivata għall-ewwel darba, u tat lill-persuni spostati mill-Ukrajna d-dritt li jibqgħu legalment fl-UE, kif ukoll aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ, is-suq tax-xogħol, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni u l-assistenza soċjali.

*Test maqbul:*

L-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, wara l-pandemija globali, biddlet b'mod sinifikanti l-kuntest ġeopolitiku u ekonomiku. L-impatt tal-invażjoni fuq l-ekonomiji tal-Istati Membri nħass, pereżempju, permezz ta' prezzijiet oġhla tal-enerġija, l-ikel u l-materja prima, u prospetti ta' tkabbir aktar dgħajfa. Il-prezzijiet oġhla tal-enerġija huma partikolarment ta' piż fuq l-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli li jgħixu fil-faqar enerġetiku jew li jinsabu friskju ta' faqar enerġetiku kif ukoll fuq l-aktar kumpanniji vulnerabbli għaż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. L-UE qed tara wkoll influż bla preċedent ta' nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna. L-effetti ekonomiċi li rriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kellhom impatt asimmetriku fuq l-Istati Membri. F'dan il-kuntest, fl-4 ta' Marzu 2022, id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja għet attivata għall-ewwel darba, u tat lill-persuni spostati mill-Ukrajna d-dritt li jibqgħu legalment fl-UE, kif ukoll aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ, is-suq tax-xogħol, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni u l-assistenza soċjali.

Spjegazzjoni:

Intlaħaq qbil li, filwaqt li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna hija xokk komuni li jaffettwa lill-UE kollha kemm hi, għandha tiġi inkluża referenza għall-impatt differenti fost l-Istati Membri. Dan huwa konformi mat-Tbassir tar-Rebbiegħa tal-Kummissjoni tas-16 ta' Mejju 2022, li jindika wkoll li "fi ħdan l-UE, l-Istati Membri għandhom gradi differenti ta' esponiment għal xi wħud mill-kanali ta' trażmissjoni tal-impatt tal-gwerra, jiġifieri, il-kanali għall-kummerċ tal-komoditajiet u s-swieq finanzjarji".